# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **415/2022**

## FRANCIS CASSAR (515465M)

**vs**

## ISMERIA NIKOLINA VELLA (183979M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tletin (30) ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba magħmula permezz ta' rikors tar-rikorrent ippreżentat fl-għoxrin (20) ta' Mejju 2022 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-intimata tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' tmienja u sebgħin elf u tliet Ewro (€78,003).

**Preliminari**

2. Permezz ta’ rikors ġuramentat preżentat nhar l-għoxrin (20) ta’ Mejju 2022, ir-rikorrent **Francis Cassar** ippremetta:

   a. *Illi skont skrittura privata tat-tnax (12) ta’ Awissu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) l-intimata kienet ikkostitwiet ruħha bħala debitur veru, ċert u likwidu fl-ammont ta’ tmintax-il elf u tliet Ewro (€18,003), taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet mifthiema, b’mod partikolari li l-ħlas ta’ rati mensili tal-ammont dovut;*

   b. *Illi sal-lum l-intimata għadha ma għamlet ebda ħlas u l-ammont għadu dovut kollu;*

   c. *Illi l-attur ġie eskluż min-negozju deskritt fit-Tieni Sezzjoni tal-istess skrittura privata u għalhekk, ai termini tal-istess kitba privata r-Rikorrenti għandu jitħallas l-ammont ġja likwidat ta’ sittin elf Ewro (€60,000);*

   d. *Illi interpellata mir-Rikorrent sabiex tħallas lill-istess Rikorrenti l-ammont komplessiv ta’ tmienja u sebgħin elf u tliet Ewro (€78,003), l-Intimata naqset li tħallsu;*

   e. *Illi r-rikorrent jaf b’dawn il-fatti psonalment;*

   *Peress illi minkejja li l-intimata ġiet interpellata biex tħallsu, hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

   *Peress illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u eżiġibbli kif jidher aħjar mid-Dokument A, li qed jiġi anness ma’ dan ir-rikors;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba tar-Rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;*

ii. *Tikkundanna lill-Intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' tmienja u sebgħin elf u tliet Ewro (€78,003);*

*Bl-ispejjez, u bl-imgħaxijiet kontra l-Intimata, li min issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sbatax (17) ta' Ġunju 2021, b'ordni lill-konvenuta sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tar-rikorrent, u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent;

5. Waqt is-seduti tas-sbatax (17) ta' Ġunju 2022, tat-tnax (12) ta' Lulju 2022, tal-ħmistax (15) ta' Lulju 2022, u tas-sittax (16) ta' Settembru 2022, il-kawża baqgħet differita għan-notifika tal-konvenuta, sakemm finalment ġiet notifikata bil-proċedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni;

6. Waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Novembru 2022, il-Qorti, wara li semgħet l-avukati difensuri tal-partijiet, dehrilha illi l-konvenuta għandha difiża x'tagħmel għat-talbiet rikorrenti, u kkonċeditilha għoxrin (20) jum għar-risposta ġuramentata;

7. Permezz ta' risposta ġuramentata datata l-ewwel (1) ta' Diċembru 2022, l-intimata **Ismeria Nikolina Vella** eċċepiet:

   a. *Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attriċi huma infondati u għandhom jiġu miċħuda stante li l-esponenti għamlet diversi ħlasijiet lill-attur u l-attur approprja ruħu minn diversi effetti mobbli li kienu fil-pussess tal-esponenti in sodisfazzjon tal-porzjoni likwida tat-talba fl-ammont ta' tmintax-il elf u tliet Ewro (€18,003);*

   b. *Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori, mhux minnu għalhekk illi l-esponenti m'għamlet l-ebda ħlas u li l-ammont għadu dovut kollu;*

c. *Illi inoltre mhux minnu li l-attur ġie eskluż min-negozju kif previst fl-iskrittura tat-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u għalhekk l-ebda ammont m'hu dovut in konnessjoni ma' tali allegazzjoni;*

d. *Illi inoltre, bla preġudizzju għas-suespost, jekk l-attur b'xi mod ġie eskluż min-negozju mertu tal-iskrittura imsemmija, dan ma sarx b'xi intromissjoni da parti tal-esponenti iżda sar da parti ta' terzi u għalhekk ma jeżisti l-ebda ness bejn l-allegata esklużjoni u l-esponenti;*

e. *Illi inoltre, bla preġudizzju għas-suespost, in-negozju ma baqax regolat bil-kuntratt li kien fis-seħħ meta saret l-iskrittura u għalhekk l-iskrittura mhix applikabbli għall-kuntratt sussegwenti;*

f. *Illi subordinamnet u mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqqilhom li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra skont il-liġi.*

**Il-Qorti**

8. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat għoxrin (20) ta' Mejju 2022, u d-dokument anness miegħu;

9. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata datata l-ewwel (1) ta' Diċembru 2022;

10. Rat l-affidavit ta' **Francis Cassar** immarkat **Dok F** a fol 39 tal-proċess;

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Ismeria Nikolina Vella**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Ġunju 2023[1];

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 43 *et seq* tal-proċess

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Francis Cassar** waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Lulju 2023[2];

13. Rat l-affidavit ta' **Nikolina Ismeria Vella**, immarkat **Dok NIV1** a fol 50 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Francis Cassar**, prodott in kontro-eżami mill-intimata waqt is-seduta tal-għoxrin (20) t'Ottubru 2023[3];

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Francis Cassar**, riprodott in kontro-eżami mill-intimata waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru 2023[4];

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Francis Cassar**, riprodott in kontro-eżami mill-intimata waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar 2024[5];

17. Rat l-affidavit ulterjuri ta' **Nikolina Ismeria Vella**, immarkat **Dok NVI** a fol 152 tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, datata tlieta (3) t'April 2025;

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta, datata disgħa u għoxrin (29) t'April 2024;

20. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza;

21. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 46 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 79 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 95 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 134 *et seq* tal-proċess

22. Mhux kontestat illi l-partijiet għamlu żmien f'relazzjoni, u waqt din ir-relazzjoni kien hemm perjodu illi fih kienu jiġġestixxu flimkien iż-Żabbar Social Club fi Triq is-Santwarju, Żabbar;

23. Permezz ta' skrittura privata ffirmata quddiem l-Av Dr John Seychell Navarro nhar it-tnax (12) t'Awwissu 2021[6], il-konvenuta kkostitwixxiet ruħha debitur veru, ċert u likwidu versu s-somma globali ta' tmintax-il elf u tliet Ewro (€18,003), rappreżentanti:

    a. In kwantu għal għaxart elef, ħames mija u tliet Ewro (€10,503) ħwienet, stock u aċċessorji li kienu fis-Social Club meta bdiet taħdem hemm il-konvenuta; u

    b. In kwantu għal sebat elef u ħames mitt Ewro (€7,500) għajnuna mir-rikorrent li l-konvenuta ngħatat fil-ħlas ta' kera, l-ispejjeż tal-kawża, u proċeduri legali in konnessjoni mat-tifel minuri tagħha;

24. Inoltre, il-partijiet fthiemu wkoll illi, fir-rigward tan-negozju li kien ser jiġi ġestit minnhom fiż-Żabbar Social Club, *"Jekk xi wieħed mill-partijiet ikun irid iċedi sehemu min-negozju, irid jitħallas mingħand l-ieħor is-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000)."*;

25. Jibda biex jingħad illi l-Qorti **ma kienet xejn konvinta** bix-xhieda mogħtija mir-rikorrent, la permezz tal-affidavit tiegħu u wisq u wisq inqas mogħtija in kontro-eżami. Il-Qorti rat kif, filwaqt illi fl-affidavit tiegħu[7] ir-rikorrent jgħid illi *"Jien kelli nibgħat ittra bl-Avukat lil Nikolina Vella fejn tlabtha tħallas kif ried il-kuntratt ta' bejnietna. Minkejja li għamilt hekk ma ħallset xejn."*, eventwalment, in kontro-eżami jikkonferma illi, *"Ijwa* (sic) *xi ammont tħallast."*[8] Inoltre, filwaqt illi fl-iskrittura illi r-rikorrent stess qed jibbaża l-kawża kollha tiegħu fuqha, ġie redatt illi l-għajnuna dwar *"kawża u proċeduri legali in konnessjoni mal-minuri tifel tat-tieni parti"*, cioe tal-intimata, kienet kompriża fis-somma ta' sebat elef u ħames mitt Ewro

[6] **Dok A** annessa mar-rikors promotur a fol 5 *et seq* tal-proċess
[7] **Dok F** a fol 39 tal-proċess
[8] A fol 109 tal-proċess

(€7,500), eventwalment jixhed in eżami illi ħareġ *"għoxrin elf [...] ħabba t-tfal tal-qrati ta' meta kienet sejra l-ħabs, kien ħa jitfagħha r-raġel fuq il-manteniment."*[9] In kontro-eżami mbagħad jgħid, *"2,500 li ħallastilha ħabba tfal, 1,000 li kellha tal-manteniment"*[10], u eventwalment, mitlub jikkonferma jekk hux minnu illi ħareġ is-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), jgħid, *"Jista' jkun għoxrin elf, jistgħu ikunu iżjed, jew inqas."*[11] Dan żgur illi mhux il-livell ta' prova illi din il-Qorti tistenna mill-parti illi intavolat il-kawża u għandha fuqha l-oneru tal-prova, u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi x-xhieda tar-rikorrent għandha tittieħed *with a pinch of salt*;

26. Dwar dik illi hija s-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000), din il-Qorti rat illi l-klawsola relattiva fl-iskrittura bejn il-partijiet tagħmilha ċara illi din is-somma titħallas *"jekk xi wieħed mill-partijiet ikun irid iċedi sehemu min-negozju"*. Meta saret l-iskrittura, cioe f'Awwissu 2021, kienet viġenti l-kirja għall-perjodu li kellu jwassal sal-31 t'Ottubru 2021 skont l-iskrittura datata l-ewwel (1) ta' Novembru 2020, iffirmata mir-rikorrent fuq naħa u l-Kumitata tal-Hompesch Social Club fuq in-naħa l-oħra[12]. Ir-rikorrent qed jinsisti illi l-intimata, *"qalgħetni 'l barra minn dan-negozju, u żammet in-negozju tas-Social hi f'isimha, mexxietu hi weħidha u ma ħallitnix nersaq is-Social."*[13] Bi skrittura oħra datata l-ewwel (1) ta' Novembru 2021[14], l-intimata jidher illi daħlet għall-kirja hi personalment, u tgħid fl-affidavit tagħha, *"Kien hu li refa' idejh fuqi u kienu l-Kumitat stess li dak il-ħin waqqfuh u ħadu passi bil-Pulizija min-naħa tagħhom biex hu ma jersaqx lejn il-ħanut."*[15] Bejn iż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tan-nuqqas ta' kredibilita' illi kkonstatat din il-Qorti fir-rikorrent, din il-Qorti hija wisq aktar inklinata illi temmen il-verżjoni tal-intimata, aktar u aktar meta kien ir-rikorrent stess illi kkonferma illi hu ma tefax offerta għall-kirja tas-Social Club għas-sena 2021-2022[16];

---

[9] A fol 46a tal-proċess
[10] A fol 116-117 tal-proċess
[11] A fol 140 tal-proċess
[12] **Dok C** a fol 60 *et seq* tal-proċess
[13] Para 1 f'**Dok F** a fol 39 tal-proċess
[14] **Dok D** a fol 64 *et seq* tal-proċess
[15] Para 17 f'**Dok NIV1** a fol 52 tal-proċess
[16] A fol 97-98 tal-proċess

27. Madanakollu, anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, kellu jingħad illi r-rikorrent għandu raġun, xorta waħda ma ġab l-ebda prova illi huwa ċeda l-parti tiegħu tan-negozju lill-intimata; anzi mistoqsi jekk huwa ċediex sehmu, ir-rikorrent iwieġeb, *"U lanqas ħa nċedieh"*[17]. Il-fatt illi qed jikkontendi illi huwa "nqala'" 'l barra min-negozju jikkontradixxi preċiżament dak illi qiegħed isostni hu stess, stante illi li kieku kien ċeda l-parti tiegħu b'mod volontarju, ma kienx ikun qiegħed jikkontesta l-mod illi bih l-intimata kompliet tiġġestixxi n-negozju b'kirja ġdida wara li skada l-ftehim ta' kera illi kellu hu mas-Social Club;

28. **Għaldaqstant, lil din il-Qorti ma jirriżultalhiex illi huma dovuti mill-intimata lir-rikorrent is-sittin elf Ewro (€60,000) skont il-klawsola numru 5 fit-Tieni Sezzjoni tal-iskrittura t'Awwissu 2021;**

29. Inoltre, imbagħad, f'dawk illi huma r-rimanenti €18,003, hekk kif ġia ngħad, din il-Qorti semgħet lill-intimat stess jixhed bil-ġurament tiegħu illi saru xi pagamenti, liema pagementi, iżda, minkejja illi obbliga ruħu illi jippreżenta prova tagħhom, baqa' qatt ma ġabhom. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Julio Azzopardi vs Solar Engineering Limitedi***[18]*:*

> *Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Jannar, 2025, fil-kawża fl-ismijiet* ***Wood Systems SRLS v. Alex Cutajar****, bħala prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza, jingħad li l-piż tal-prova tal-eżistenza tad-dejn tmiss lil min ikun fetaħ il-kawża (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' April, 2024, fil-kawża fl-ismijiet* ***Richard Attard et v. Mark Anthony Barbara et****). Dan huwa minnu, billi min jaġixxi għal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu tabilħaqq jeżisti (ara* ***Sergio Manché v. Tony Cassar*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u* ***Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003).*

---

[17] A fol 88 tal-proċess
[18] Rik Ġur Nru 29/2015/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 8 t'April 2025

*F'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont huwiex dovut jew le, dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għaliex l-oneru tal-prova tal-eżistenza tad-dejn jibqa' dejjem fuq l-attur.*

*18. Min-naħa l-oħra, id-debitur li jkun qiegħed jikkontesta l-kreditu għandu wkoll iġib l-aħjar prova sabiex isostni d-difiża tiegħu. Fil-ġurisprudenza ngħad ukoll, li fin-nuqqas ta' rċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista' ssir b'mezzi oħra, kemm permezz ta' provi diretti bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll permezz ta' provi indiretti bħalma huma preżunzjonijiet u indizji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet* ***Rylex Holdings Limited et v. All Financial Services Limited*** *u dik tal-31 ta' Mejju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet* ***Maryanne Vella v. Brian Zammit et****).*

*19. Hekk ukoll, il-prova tal-pagament għandha ssir b'mod "konvinċenti u konklussiv" (ara* ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et nomine*** *deċiża minn din il-Qorti, fil-5 ta' Ottubru, 1998) u fid-dubju "għandha tipprevali l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx" (ara f'dan is-sens, is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta'* ***Maria Stella Calleja v. Brian Degorgio*** *deċiża fis-17 ta' Marzu, 2022, u* ***Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri*** *deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju, 2010).*

30. L-intimata ssostni illi l-pagamenti saru:

(a) fi flus kontanti illi għaddiet lir-rikorrent f'Ottubru u Novembru 2021, għal liema pagamenti r-rikorrent kien joħroġ irċevuta illi kien iżomm hu stess f'file mingħajr ma jagħtiha kopja tagħha[19];

(b) f'COVID Supplement kemm għas-Social Club f'Ħaż-Żabbar, kif ukoll f'Marsaskala, illi ġiet perċepita unikament mir-rikorrent, b'dana illi l-parti mill-Covid Supplement li kienet dovuta lill-intimata bħala waħda mill-ġestituri tas-Social Club f'Żabbar u bħala l-unika waħda li kienet qed tiġġestixxi l-bar tal-Għaqda Banda Mużikali Sant Anna (liema kirja kienet tgħajjat lilha biss, u mhux lir-rikorrenti), l-intimata baqgħet ma ħadithomx[20];

(c) fi stock illi r-rikorrent ħa mis-Social Club ta' Ħaż-Żabbar[21];

(d) *appliances* illi r-rikorrent ħa mis-Social Club ta' Ħaż-Żabbar[22];

(e) qliegħ mis-Social Club illi kellu jiġi perċepit minnha, u żammu kollu għalih ir-rikorrent[23];

31. Interessanti illi huwa r-rikorrent stess illi jikkonferma illi ħa stock mis-Social Club ta' Ħaż-Żabbar (*"bejn wieħed u ieħor ħadt birra, ħadt coca, mhux borża ta' ħadt xi tnejn jew tlieta bejn wieħed u ieħor qed ngħidlek nsejt x'ħadt akar xi inbejjed u xi soft drinks"*[24] – dan jirriżulta wkoll mir-ritratti annessi mal-affidavit tar-rikorrenti a fol 74 *et seq* tal-proċess), u ħa xi apparat (*"ijwa* (sic) *ħadt imma trid tgħidli x'inhuma"*[25]), u jirrispondi in kontro-eżami kif isegwi:

*Dr Galea Mela l-ammont li hemm indikat f'dak il-kuntratt mhux kollu dovut għax parti minnu tħallast*

---

[19] Para 5 a fol 50 tal-proċess
[20] Para 7 a fol 51 tal-proċess
[21] Para 10 u 14 a fol 51 tal-proċess, para 1 a fol 152 tal-proċess u **Dok X** a fol 153 tal-proċess
[22] Ibid
[23] Para 2 a fol 152 tal-proċess
[24] A fol 111 tal-proċess
[25] A fol 114 tal-proċess

*Xhud* *Le le jien mhux qed ngħid hekk, hemm flus imħallsin*

*Dr Galea* *U għandek idea bejn wieħed u ieħor kemm?*

*Xhud* *Bejn wieħed u ieħor ma nafx imma għandi l-karti oriġinali għand l-avukat bil-firma tagħha u hemm il-firma tiegħi.*[26]

32. Ikkunsidrata din l-ammissjoni tar-rikorrent kreditur, meta meqjusa kontra l-kelma tal-intimata bil-ġurament tagħha u d-dettall illi bih telenka l-ammonti li tħallsu u d-dati illi fihom tħallsu, jikkostitwixxu fil-fehma ta' din il-Qorti prova konkreta u konklussiva ta' ħlas. Madanakollu, il-fatt illi r-rikorrent naqas milli jġib il-provi dokumentarji illi huwa obbliga ruħu illi jesebixxi tal-ħlas illi sar, joħloq dubju raġonevoli dwar jekk l-ammont reklamat mir-rikorrent huwiex dovut jew le, liema dubju, fit-termini tal-ġurisprudenza suriferita, għandu jimmilita favur l-intimata;

33. **Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti lanqas hija konvinta illi nġabet prova sodisfaċenti tal-fatt illi hija dovuta mill-intimata lir-rikorrent is-somma ta' €18,003;**

34. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** it-tieni talba rikorrenti.

**Decide**

35. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba rikorrenti stante illi ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża;

[26] A fol 109 tal-proċess

(ii) **<u>Tiċħad</u>** it-tieni talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**